KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.1.2008
KUMM(2008) 27 finali

2008/0011 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS waħdanija)

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet tal-proposta u l-għanijiet tagħha**

L-OKS għall-kittien u l-qanneb, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1673/2000, ma jipprovdix għall-għoti ta' xi għajnuna għall-produzzjoni tal-fibri qosra tal-kittien u tal-qanneb mis-sena tas-suq 2008/2009. Madankollu fl-Artikolu 15(3) tiegħu, jipprovdi għat-tressiq ta' rapport li fih il-Kummissjoni tintalab tivvaluta jekk dak l-arranġament għandhux jiġi estiż. Ir-rapport qed jitħejja u se jitressaq kif previst qabel il-bidu tas-sena tas-suq 2008/2009. Madankollu, il-Kummissoni tqis li kwalunkwe emendi sostantivi għall-politiki attwali għandhom jiġu deċiżi biss bħala parti minn "kontroll tal-qagħda ta' saħħa". Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-iskema attwali ta' l-għajnuna għandha tiġi estiża għal sena tas-suq oħra, u d-deċiżjonijiet aħħarin jittieħdu biss mis-sena tas-suq segwenti fil-kuntest tar-reviżjonijiet ta' politika li jkollhom isiru għall-kontroll tal-qagħda tas-saħħa.

Ir-Regolament (KE) Nru 1673/2000 se jiġi rrevokat permezz tar-Regloament (KE) nru 1234/2007 (ir-Regolament dwar l-OKS waħdanija) b'effett mill-1 ta' Lulju 2008 li huwa l-bidu tas-sena tas-suq 2008/2009 għal dak is-settur. L-emendi li jinsabu fil-proposta mehmuża għalhekk jirrigwardaw ir-Regolament dwar l-OKS waħdanija.

- **Il-kuntest ġenerali**

L-evalwazzjoni globali ta' l-organizzazzjoni preżenti tas-settur tal-kittien u tal-qanneb tidher pożittiva u tindika l-konklużjoni li l-organizzazzjoni komuni kurrenti tas-suq qiegħda taħdem sewwa. Il-konsegwenza l-aktar sinifikanti ta' l-introduzzjoni ta' l-għajnuna għall-ipproċessar tal-fibri kienet l-eliminazzjoni tal-produzzjoni spekulattiva. Ir-riforma li saret fl-2000 wasslet għal tnaqqis sinifikanti fl-infiq Komunitarju u għall-istabbilizzazzjoni tal-baġit għal madwar EUR 20 miljun. Barra minn hekk, ir-riforma rriżultat fit-tkabbir tas-swieq ekonomikament vijabbli, u ġeneralment, matul il-perjodu kkonċernat, issalvagwardjat id-dħul tal-produtturi, u f'xi każijiet saħansitra kabbritu.

L-għajnuna għall-ipproċessar appoġġat il-produzzjoni fl-UE tal-fibri tal-kittien u l-qanneb, materjali li għandhom impatt pożittiv fuq l-ambjent (il-konservazzjoni tal-bijodiversità). Barra minn hekk, l-għajnuna tas-CMO għall-ipproċessar għenet biex tikkonserva u toħloq il-postijiet tax-xogħol fir-reġjuni li tradizzjonalment jipproduċu l-kittien u l-qanneb u fi nħawi oħra, u biex tappoġġa l-investimenti fl-R&D għat-titjib tal-metodi ta' produzzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti ġodda li jkun fihom il-fibra veġetali.

Fost l-Istati Membri l-ġodda li daħlu fl-Unjoni Ewropea fl-2004, seba' minnhom jipproduċu l-fibra tal-kittien u erba' jipproduċu l-fibra tal-qanneb. Il-produzzjoni tal-fibra tal-kittien għandha xejra li tonqos fl-Istati Membri l-ġodda filwaqt li l-produzzjoni tal-qanneb qed tikber.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1673/2000 inbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni waħdanija komuni ta' swieq agrikoli ('OKS waħdanija').

- **Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2. IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Saret konsultazzjoni dwar il-proposta mal-partijiet interessati fis-settur, fil-qafas tal-Kumitat Konsultattiv għall-Kittien u l-Qanneb, il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Fibra Naturali u matul il-laqgħa bilaterali bejn ir-rappreżentanti tas-setturi tal-kittien u tal-qanneb mal-Kabinett ta' l-AGRI

- **Il-ġbir u l-użu ta' l-għarfien espert**

Oqsma xjentifiċi u oqsma ta' għarfien espert ikkonċernati

l-ekonomija agrikola u l-istatistika

Il-metodoloġija użata

Aġġornament ta' studju magħmul minn esperti indipendenti (Ernst&Young u AND-International), li ġie ffinalizzat f'Novembru 2007.

L-organizzazzjonijiet/esperti ewlenin li ġew ikkonsultati

Ara hawn fuq.

Mezzi użati biex il-pariri ta' l-esperti jkunu disponibbli għall-pubbliku

Ir-rapport se jkun disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/agriculture/eval/index_en.htm.

- **Il-valutazzjoni ta' l-impatt**

Mhux applikabbli.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sinteżi ta' l-azzjoni proposta**

Il-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament li jistabbilixxi 'OKS waħdanija' tfisser li sas-sena tas-suq 2008/2009 l-għajnuna għall-fibra twila tal-kittien tibqa' fil-livell kurrenti ta' EUR 160 kull tunnellata, u l-għajnuna għall-fibra qasira tal-kittien u tal-qanneb tinżamm għal EUR 90 kull tunnellata. Il-livelli tal-preżent ikomplu jgħoddu għall-kwantitajiet nazzjonali garantiti.

F'dak li jirrigwarda l-kontenut massimu ta' impuritajiet u skald, fid-dawl tal-fatt li l-parti l-kbira mill-Istati Membri jagħmlu użu mid-derogi mil-limitu ta' 7.5%, u li ċerti utenti aħħarin jirrikjedu livell għoli ta' impuritajiet, is-sistema kurrenti għandha tinżamm biex tħalli lill-Istati Membri jagħtu għajnuniet għall-fibra qasira tal-kittien b'kontenut massimu ta' 15% ta' impuritajiet u skald, u għall-fibra tal-qanneb li jkun fiha massimu ta' 25%.

L-għajnuna addizzjonali mogħtija lill-proċessaturi primarji tal-fibra twila tal-kittien f'ċerti żoni ta' produzzjoni tradizzjonali fl-Olanda, il-Belġju u Franza se tibqa' bla mittiefsa, jiġifieri għajnuna ta' EUR 120 l-ettaru fiż-żona I u EUR 50 l-ettaru fiż-żona II, kif stabbilit fir-Regolament (KE) nru 1673/2000.

- **Bażi ġuridika**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1673/2000, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (Regolament dwar l-OKS waħdanija)

- **Il-prinċipju ta' sussidjarjetà**

Il-proposta tħalli l-elementi importanti fir-risponsabbiltà ta' l-Istati Membri:

– Kontrolli tal-kontenut ta' THC u l-użu ta' varjetajiet awtorizzati ta' qanneb;

– Kontroll tal-kontijiet ta' proċessuri primarji awtorizzati;

– Kontrolli ta' l-istokkijiet.

- **Il-prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għaliex tikkorrispondi ma' l-għanijiet ġenerali tal-politika agrikola komuni.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

L-istrumenti proposti: Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

In-nefqa supplementari ta' din l-estensjoni hija stmata għal EUR 4.64 miljun. Fuq il-bażi tal-kwantitajiet stmati, in-nefqa totali bl-estensjoni ta' l-għajnuna tkun ta' EUR 20.82 miljun

2008/0011 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS waħdanija)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 36 u 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[1],

Billi:

(1) L-għajnuna għall-ipproċessar għall-fibra qasira tal-kittien u l-fibra tal-qanneb li ma jkunx fihom aktar minn 7.5% ta' impuritajiet u skald tapplika sa tmiem is-sena tas-suq 2007/2008. Madankollu, fid-dawl tax-xejriet favorevoli tas-suq għal dan it-tip ta' fibra taħt l-iskema kurrenti ta' l-għajnuna, u bil-għan li jingħata kontribut għall-konsolidament ta' prodotti innovattivi u s-swieq tagħhom, l-applikazzjoni ta' din l-għajnuna għandha tiġi estiża sa tmiem is-sena tas-suq 2008/2009.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1673/2000 tas-27 ta' Lulju 2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-kittien u tal-qanneb imkabbra għall-ħjut [fibri][2] ipprovda għal żieda fil-livell ta' għajnuna għall-ipproċessar ta' fibri twal tal-kittien mis-sena tas-suq 2008/2009 'il quddiem. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1673/2000 ġie sostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007[3] mis-sena tas-suq 2008/2009. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 tfasslu fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1673/2000 peress li kienu se jiġu applikati minn dik is-sena tas-suq, u b'hekk stabilixxew l-għajnuna fil-livell previst. Peress li l-għajnuna għall-ipproċessar għall-fibri qosra tinżamm sa tmiem is-sena tas-suq 2008/2009, l-għajnuna għall-ipproċessar ta' fibri twal tal-kittien għal dik is-sena tas-suq addizjonali għandha tinżamm fil-livell li sa issa kien previst fir-Regolament (KE) Nru 1673/2000 sa tmiem is-sena tas-suq 2007/2008.

(3) Bil-għan li tiġi promossa l-produzzjoni ta' fibra qasira ta' kwalità għolja tal-kittien u tal-qanneb, l-għajnuna qed tingħata lil fibra li fiha massimu ta' 7.5% ta' impuritajiet u skald. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn dan il-limitu u jagħtu għajnuna għall-ipproċessar tal-fibra qasira tal-kittien li jkun fiha perċentwal ta'

---

1 ĠU C …, …, p. …

2 ĠU L *193, 29.7.2000, p. 16*. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 953/2006 *(ĠU L 175, 29.6.2006, p. 1).*

3 ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

impuritajiet u skald bejn 7.5% u 15%, u għall-fibra tal-qanneb li jkun fiha perċentwal ta' impuritajiet u skald bejn 7.5% u 25%. Ġaladarba din il-possibbiltà hija miftuħa biss sa tmiem is-sena tas-suq 2007/2008, jeħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jidderogaw minn dak il-limitu għal sena oħra tas-suq.

(4) Hekk kif żviluppaw bejjiegħa ġodda fis-suq huwa meħtieġ li jiġi garantit livell minimu ta' provvista tal-materja prima. Għalhekk, sabiex il-livelli raġonevoli ta' produzzjoni jkomplu jiġu żgurati fl-Istati Membri, jeħtieġ li jiġi estiż il-perjodu li fih japplikaw il-kwantitajiet nazzjonali garantiti.

(5) Għajnuna addizzjonali ilha għal xi żmien tappoġġa l-issuktar tal-produzzjoni tradizzjonali tal-kittien f'ċerti reġjuni ta' l-Olanda, il-Belġju u Franza. Sabiex l-istrutturi ta' l-istabbilimenti agrikoli jitkomplew jitħallew jadattaw irwieħhom gradwalment għall-kundizzjonijiet il-ġodda tas-suq, jeħtieġ li din l-għajnuna tranżizzjonali tiġi estiża sa tmiem is-sena tas-suq 2008/2009.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 hu emendat kif ġej:

(1) It-Titolu tas-Subsezzjoni II tas-Sezzjoni I tal-Kapitolu IV tat-Titolu I tal-Parti II tinbidel b'dan li ġej:

"Subsezzjoni II
Kittien u qanneb imkabbra għall-fibra"

(2) L-Artikolu 91 huwa emendat kif ġej:

(a) L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 hu mibdul mis-subparagrafi li ġejjin:

"L-għajnuna għall-ipproċessar tat-tiben tal-kittien twil imkabbar għall-fibra għandha tingħata lil proċessuri primarji awtorizzati fuq il-bażi tal-kwantità ta' fibra li fil-fatt tinkiseb mit-tiben li għaliha jkun ġie konkluż kuntratt ta' bejgħ mal-bidwi.

Matul is-sena tas-suq 2008/2009 għandha tingħata wkoll għajnuna taħt l-istess kundizzjonijiet għall-ipproċessar tat-tiben tal-kittien qasir u tal-qanneb imkabbra għall-fibra."

(b) Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-iskopijiet ta' din is-Subsezzjoni "proċessur primarju awtorizzat" tfisser persuna naturali jew ġuridika jew grupp ta' persuni naturali jew ġuridiċi, irrispettivament mill-istatus ġuridiku tagħhom skond il-liġijiet nazzjonali, jew dak tal-membri tiegħu, li jkunu ġew awtorizzati mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Memru li fit-territorju tiegħu jkunu jinsabu l-faċilitajiet tagħhom biex jipproduċu l-fibri tal-kittien jew tal-qanneb.

(3) L-Artikolu 92(1) huwa ssostitwit bit-test li ġej:

"1. L-ammont ta' għajnuna għall-ipproċessar ipprovdut fl-Artikolu 91 għandu jkun stabbilit:

(a) għall-ħjut twal tal-kittien:

– EUR 160 it-tunnellata mis-sena tas-suq 2008/2009;

– EUR 200 it-tunnellata mis-sena tas-suq 2009/2010 'l quddiem;

(b) matul is-sena tas-suq 2008/2009, għall-fibra qasira tal-kittien u l-fibra tal-qanneb li ma jkunx fihom aktar minn 7.5 % ta' impuritajiet u skald, b'EUR 90 kull tunnellata.

Madankollu, l-Istat Membru jista', b'referenza għan-negozjanti tradizzjonali, jiddeċiedi wkoll li jagħti l-għajnuna:

(a) għall-ħjut il-qosra tal-kittien li jkun fihom perċentwali ta' impuritajiet u ta' skald, bejn is-7,5 % u l-15 %;

(b) għall-ħjut tal-qanneb li jkun fihom perċentwali ta' impuritajiet u ta' twarrib ta' bejn is-7,5 % u l-25 %.

Fil-każijiet li dwarhom jipprovdi t-tieni subparagrafu, l-Istat Membru għandu jagħti l-għajnuna fir-rigward ta' kwantità li ma taqbiżx dik prodotta, fuq il-bażi ta' 7.5 % ta' impuritajiet u skald."

(4) L-Artikolu 94 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandha tiġi stabbilita kwantità massima garantita ta' 80 878 tunnellata metrika għal kull sena tas-suq għall-ħjut qosra tal-kittien li għaliha tista' tingħata l-għajnuna. Dik il-kwantità għandha titqassam fost ċerti Stati Membri bħala kwantitajiet nazzjonali garantiti skond il-punt A.I. ta' l-Anness XI.

(b) Il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 1:

"1a. Għandha tiġi stabbilita kwantità massima garantita ta' 147 265 tunnellata għas-sena tas-suq 2008/2009 għall-ħjut qosra tal-kittien u l-ħjut tal-qanneb li għalihom tista' tingħata l-għajnuna. Dik il-kwantità għandha titqassam fost ċerti Stati Membri bħala kwantitajiet nazzjonali garantiti skond il-punt A.II. ta' l-Anness XI.

(c) Għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Kull Stat Membru jista' jittrasferixxi parti mill-kwantità nazzjonali ggarantita tiegħu kif imsemmija fil-paragrafu 1 lill-kwantità nazzjonali ggarantita tiegħu kif imsemmija fil-paragrafu 1a u viċe versa.

It-trasferimenti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom isiru fuq il-bażi ta' l-ekwivalenza ta' tunnellata ta' fibri twal tal-kittien għal 2,2 tunnellati metriċi ta' fibri qosra tal-kittien u tal-qanneb.

L-għajnuna għall-ipproċessar għandha tingħata biss rigward il-kwantitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 1a, rispettivament, aġġustati skond l-ewwel żewġ subparagrafi ta' dan il-paragrafu."

(5) L-Artikolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 94:

"Artikolu 94a
Għajnuna addizzjonali

Matul is-sena tas-suq 2008/2009, għandha tingħata għajnuna addizzjonali lill-proċessur primarju awtorizzat rigward iż-żoni mogħtija għall-kittien fiż-żoni I u II kif deskritt fl-Anness A.III. ta' l-Anness XI u l-produzzjoni tat-tiben li kienet soġġetta għal:

(a) kuntratt tal-bejgħ/xiri jew impenn kif imsemmi fl-Artikolu 91(1) u

(b) għajnuna għall-ipproċessar tal-fibri twal.

L-ammont ta' l-għajnuna addizzjonali għandu jkun ta' EUR 120 għal kull ettaru fiż-żona I u EUR 50 għal kull ettaru fiż-żona II."

(6) L-Anness XI huwa emendat skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

Il-Punt A ta' l-Anness XI jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"A.I. Tqassim tal-kwantità massima garantita għall-fibra twila tal-kittien fost l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 94(1):

Il-Belġju	13 800
Il-Bulgarija	13
Ir-Repubblika Ċeka	1 923
Il-Ġermanja	300
L-Estonja	30
Spanja	50
Franza	55 800
Il-Latvja	360
Il-Litwanja	2263
L-Olanda	4800
L-Awstrija	150
Il-Polonja	924
Il-Portugall	50
Ir-Rumanija	42
Is-Slovakkja	73
Il-Finlandja	200
L-Iżvezja	50
Ir-Renju Unit	50

A.II. **Tqassim tal-kwantità massima garantita għas-sena tas-suq 2008/2009 għall-fibra qasira tal-kitten u tal-qanneb fost l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 94(1a):**

Il-kwantità msemmija fl-Artikolu 94(1a) għandha titqassam fil-forma ta':

(a) kwantitajiet nazzjonali garantiti għall-Istati Membri li ġejjin:

Il-Belġju	10 350
Il-Bulgarija	48
Ir-Repubblika Ċeka	2 866
Il-Ġermanja	12 800
L-Estonja	42
Spanja	20 000
Franza	61 350
Il-Latvja	1 313
Il-Litwanja	3 463

L-Ungerija*	2 061
L-Olanda	5 550
L-Awstrija	2 500
Il-Polonja	462
Il-Portugall	1 750
Ir-Rumanija	921
Is-Slovakkja	189
Il-Finlandja	2 250
L-Iżvezja	2 250
Ir-Renju Unit	12 100

* Madankollu, il-kwantità nazzjonali garantita stabbilita għall-Ungerija tikkonċerna l-fibri tal-qanneb biss.

(b) 5,000 tunnellata li għandhom jiġu mqassma fi kwantitajiet nazzjonali ggarantiti għassena tas-suq 2008/2009 bejn id-Danimarka, l-Irlanda, il-Greċja, l-Italja u l-Lussemburgu. Dan it-tqassim għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi taż-żoni li kienu s-suġġett ta' wieħed mill-kuntratti jew impenji msemmija fl-Artikolu 91(1)."

A.III. Żoni eliġibbli għall-għajnuna msemmija fl-Artikolu 94a

Żona I

1. It-territorju ta' l-Olanda,

2. Il-*communes* Belġjani li ġejjin: Assenede, Beveren-Waas, Blankenberge, Bredene, Brugge, Damme, De Haan, De Panne, Diksmuide (għajr Vladslo u Woumen), Gistel, Jabbeke, Knokke-Heist, Koksijde, Lo-Reninge, Middelkerke, Nieuwport, Oostende, Oudenburg, Sint-Gillis-Waas (Meerdonk biss), Sint-Laureins, Veurne u Zuienkerke.

Żona II

1. Żoni tal-Belġju għajr dawk inklużi fiż-Żona I.

2. Iż-żoni ta' Franza li ġejjin:

– id-dipartiment tat-Tramuntana,

– id-distretti ta' Béthune, Lens, Calais, Saint-Omer u l-*canton* ta' Marquise fid-dipartiment ta' Pas-de-Calais,

– id-distretti ta' Saint-Quentin u Vervins fid-dipartiment ta' l-Aisne,

– id-distrett ta' Charleville-Mézières fid-dipartiment ta' l-Ardennes.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA

1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT: 05 02 07 01	APPROPRJAZZJONIJIET: EUR 21 miljun
2.	TITOLU: Ir-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli.	
3.	BAŻI ĠURIDIKA: L-Artikolu 37 tat-Trattat	
4.	GĦANIJIET: Biex is-sistem eżistenti tiġi estiża għal perjodu ta' sena għall-kittien u għall-qanneb.	

5. IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (EUR miljun)	IS-SENA FINANZJARJA ATTWALI 2008 (EUR miljun)	IS-SENA FINANZJARJA SUSSEGWENTI 2009 (EUR miljun)
5.0 NEFQA – IDDEBITATA MILL-BAĠIT TAL-KE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) – MILL-AWTORITAJIET NAZZJONALI – OĦRAJN	4,64	0	2,44
5.1 DĦUL – RIŻORSI PROPRJI TAL-KE (IMPOSTI / DAZJI DOGANALI) – NAZZJONALI	–	–	–

	2010			
5.0.1 INFIQ STMAT 5.1.1 DĦUL STMAT	2,20 Miljun €			

5.2 METODU TA' KALKOLU:
Estimi:

	Għajnuna ta' l -imgħoddi *					Għajnuna ġdida **					Implikazzjoni finanzjarja
	Kwantita massima garantita twila/t		Għajnuna		Mil. €	Kwantitajiet stmati		Għajnuna		Mil €	Mil €
Fibra twila kittien	80 878	X	200	=	16.18	102 690	X	160	=	16.43	
Kittien qasir: fibra/qanneb					0	27 587	x	90	=	2.48	
Għajnuna supp.					0					1.91	
	Total				16.18	Total				20.82	4.64

* Il-Kwantita Massima Garantita għall-fibra twila dejjem intlaħqet. Mingħajr estensjoni ta' l-għajnuna attwali, mis-sena tas-suq 2008/2009, il-ħlas ikun ta' 200 € kull tunnellata ta' fibri twal.

** Estensjoni ta' l-għajnuna attwali.

6.0	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?	~~IVA LE~~
6.1	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?	~~IVA LE~~
6.2	SE JKUN MEĦTIEĠ BAĠIT SUPPLIMENTARI?	~~IVA LE~~
6.3	L-APPROPRJAZZJONIJIET SE JKOLLHOM JITNIŻŻLU FIL-BAĠITS TAL-FUTUR?	~~IVA LE~~

OSSERVAZZJONIJIET:
Il-kwantitajiet stmati huma l-produzzjoni medja tas-snin tas-suq 2004/2005 (kwantitajiet reali) u 2005/06, 2006/07 (estimi kkomunikati)). (Kompatibbli ma' AL 2008)
Fil-każ li jintużaw il-kwantitajiet nazzjonali kollha, l-impatt finanzjarju massimu jkun ta' EUR 12,02 miljun.